MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1741/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Francis Gove abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Francis Gove [643848(M)]**

**Vs**

**Jonathan Mizzi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm1,055.11c (elf u hamsa u hamsin lira Maltin u hdax-il centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Mejju, 2003 gewwa l-Wied ta' B'Kara, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Francis Gove, bin-numru ta' registrazzjoni DBA 182 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni BBE 989.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1,055.11c (elf u hamsa u hamsin lira Maltin u hdax-il centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------